*Diskors moqri minn Winston L. Zammit waqt Lejla Letterarja li saret fil-knisja parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema nhar l-Erbgħa, 1.XII.2004, b'tifkira tal-150 Anniversarju tal-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Kunċizzjoni.*

# Marija Immakulata u l-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor Sliema

**Winston L. Zammit**



Inġbarna hawnhekk il-lejla biex flimkien infakkru l-150 anniversarju (1854-2004) minn meta l-Beatu Papa Piju IX, ipproklama d-Domma ta' l-Immakulat Konċepiment ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Fl-1904, f'għeluq il-ħamsin sena ta' din id-Domma, kif se ngħid aktar 'il quddiem, kienet saret festa kbira f'din il-knisja. Ħamsin sena wara, fl-1954, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju ta' l-istess Domma saret ukoll tifkira. Bit-tifkira ta' llum qegħdin inkomplu t-tradizzjonijiet sbieħ ta' missirijietna.

Marija Immakulata, Omm Ġesù, il-Feddej tagħna, hija l-patruna ta' l-Ordni Franġiskan. Insibu statwi tagħha fiż-żewġ knejjes Franġiskani ddedikati lil Santa Marija ta' Ġesù, kemm fir-Rabat ta' Malta u kemm fil-Belt Valletta.[1] F'dik tal-Belt hemm ukoll artal tal-Kunċizzjoni.[2] Allura wieħed jistaqsi kif fil-knisja tagħna, li hija knisja Franġiskana, li ilha tiffunzjona issa għall-123 sena, m'hawnx artal iddedikat lilha? Ta' min ifakkar li l-knisja tagħna nfetħet f'Ġunju 1881. Iżda sakemm ġew fostna l-Patrijiet Franġiskani f'Novembru 1881, l-artali kollha tal-ġnub laħqu diġà ġew iddedikati. Għalhekk din tista' tkun ir-raġuni għaliex fil-knisja tagħna m'hemmx artal iddedikat lil dan it-titlu Marjan.

## L-Abside ta' Calì

Iżda dan in-nuqqas, naħseb jien, imtela billi l-figura tal-Kunċizzjoni qiegħda f'post ċentrali fil-knisja tagħna, proprju fl-abside tal-kor, fejn naraw ix-xbiha ta' Marija Immakulata, bil-Beatu Duns Ġwann Scotus fuq il-lemin u l-Beatu Papa Piju IX (1846-1878) fuq ix-xellug.

Din l-abside tassew sabiħa, ħadimha wieħed mill-aqwa pitturi Maltin, Giuseppe Calì,[3] li minbarra din l-abside ħadem diversi kwadri oħra tassew sbieħ, li għadhom sal-lum iżejnu l-knisja tagħna: fosthom dawk ta' San Ġlormu, San Lawrenz, San Pietru u San Pawl, u San Vinċenz. Din l-abside nħadmet minn Calì fi 22 jum[3] u d-dekorazzjoni fuqha saret minn Giovanni Bonello.[4] Din l-opra ta' l-arti tħallset minn Vincenzo Navarro u ġiet inawgurata nhar il-Ħadd 9.X.1892.[5]

Il-gazzetta *Il Portafoglio Maltese* meta kkummentat fuqha qalet hekk:

*È una magnifica scena nella regione della luce in mezzo alla quale apparisce sul carro trionfale l'Immacolata.*[6]

Il-gazzetta *The Malta Times and United Services Gazzette*, li kkwotat gazzetta oħra qalet li dan ix-xogħol ġie mfaħħar ħafna minn dawk kollha li rawh.[7] *Il Portafoglio Maltese* kellha wkoll kliem ta' tifħir għax-xogħol ta' Calì, li ġie deskritt minnha bħal:

*...quest'insigne lavoro del noto artista del Signor Calì.*[8]

## Il-Festa tal-Kunċizzjoni

Fin-nuqqas ta' dokumenti, wieħed jista' forsi jassumi li ta' kull sena l-patrijiet bil-mezzi modesti li kellhom, kienu żgur jiċċelebraw il-festa ta' l-Immakulata.

Fl-1904 ħabat il-50 anniversarju tad-Domma, u l-patrijiet fakkru dan l-avveniment b'festa kbira li saret fil-knisja tagħna bejn il-Ġimgħa 27 ta' Jannar u l-Ħadd 29 ta' Jannar 1905. Qabel il-festa l-patrijiet għamlu appell lin-nies li kienu joqogħdu viċin il-knisja biex fil-lejl tal-Ħadd 29 ta' Jannar jagħmlu mixegħla fid-djar tagħhom:



*...onde tributare maggior gloria alla Santissima Vergine Immacolata.*[9]

Il-festa saret u minn gazzetta lokali ġbarna xi ftit tagħrif dwarha. Skond din il-gazzetta l-festi tal-50 anniversarju tad-Domma *riuscirono davvero splendidi*. Il-knisja kienet imżejna u l-mużika kienet tas-Surmast A. Vella.[10]

## Fundazzjoni għall-Festa ta' l-Immakulata

Fl-1916, il-miżżewġin Silvestru u Rosa Bugeja, it-tnejn minn Birkirkara, iżda li kienu joqogħdu Tas-Sliema, għamlu fundazzjoni għall-festa tal-Kunċizzjoni, permezz ta' żieda mat-testment li kienu diġà għamlu fl-atti tan-Nutar Giovanni Gabaretta.

F'dan it-testment addizzjonali li sar fit-28.IV.1916, waqqfu b'mod perpetwu ta' kull sena, iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani ta' Tas-Sliema. Għal dan l-għan ħallew ir-renta li kienet tidħol minn għalqa li kellhom f'Birkirkara fil-kontrada ta' l-Imrieħel, li kien fiha wkoll xi bini fiha u li kienet mikrija.[11]

Id-dħul minn din l-għalqa li ma kienx kbir,[12] kien jgħin lill-patrijiet biex jiċċelebraw il-festa ta' l-Immakulata. Ħarsa ħafifa lejn ir-reġistru ta' l-

amministrazzjoni tal-kunvent bejn l-1937 u l-1942, turina li matul dawn is-snin, bl-eċċezzjoni tas-snin diffiċli tal-gwerra (1940-1941) dejjem saret il-priedka tal-Kunċizzjoni.[13]

Il-priedka kompliet issir fis-snin 50.[14] Fl-1954 ħabat iċ-Ċentinarju tad-Domma, u għalhekk il-patrijiet ħasbu biex jiċċelebraw dan l-avveniment bejn l-4 u t-8 ta' Diċembru, bi Tridu bil-priedki, *Primi* u *Secondi Vespri*, quddiesa kantata u purċissjoni fil-knisja.[15] Mill-kotba ta' l-Amministrazzjoni tal-Kunvent, nafu li l-priedka tal-festa saret minn Patri Guido Schembri OFM li għadu fostna mimli bl-għomor.[16]

Il-priedka tal-Kunċizzjoni kompliet issir fis-snin ta' wara. Ta' kull sena l-patrijiet għadhom jiċċelebraw din il-festa għażiża li għaliha jsir ukoll Tridu li fih il-kor parrokkjali jkanta l-Innu *Tota Pulchra*.

**Referenzi:**

1 V. Borg (Editor), *Marian Devotions on the Islands of St. Paul (1600-1800)* (Malta 1983), pp.342-344.
2 *Ibid.*, p.345.
3 *Il Portafoglio Maltese*, 20.X.1892.
4 *The Malta Times and United Services Gazette*, 21.X.1892. Skond il-gazzetta, l-imsemmi Bonello *has done some very pretty work in Palace corridors.*
5 *Ibid.*
6 *Il Portafoglio Maltese*, 20.X.1892.
7 *The Malta Times and United Services Gazette*, 21.X.1892.
8 *Il Portafoglio Maltese*, 20.X.1892.
9 *Malta e Sue Dipendenze*, 23.I.1905. Avviż qasir dwar din il-festa deher ukoll fil-gazzetta *Malta Tagħna*, 28.I.1905.
10 *Il Risorgimento*, 30.I.1905.
11 *Arkivju Notarili Valletta, Atti Giovanni Gabaretta*, 28.IV.1916.
12 *A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) V(alletta) Libro dei Legati Sliema*, p.67. Għal xi raġuni jew oħra Rosa Bugeja rrevedit it-testment tagħha. Minħabba dan il-fatt, nofs ir-renta biss setgħet tiġi applikata għall-festa tal-Kunċizzjoni. Din ġiet mifdija minn Consolata, armla ta' Vincenzo Micallef, fl-atti tan-Nutar Giovanni Gabaretta tat-2 ta' Marzu 1922, għas-somma ta' £40. Din ġiet depożitata mill-Patrijiet Franġiskani fil-Cassa Pia Amministrazione tal-Kurja biċ-ċedola nru. 747 tat-2.III.1922. Ta' kull sena l-patrijiet kienu jieħdu imgħax żgħir minn din is-somma.
13 *A.P.P.M.V. Amministrazione Sliema* 1937-1942. Il-ħlas għal din il-priedka kien ikun ta' ħames xelini. Fl-1937 din saret minn Patri Ġorġ u fl-1939 minn Patri Mikiel. Fl-1942 il-predikatur tħallas sitt xelini, u fl-1943 tmien xelini (Ara *A.P.P.M.V. Amministrazione Sliema* (1942-1947)).
14 *A.P.P.M.V. Amministrazione Sliema* 1948-1957, pp.89, 135. F'Diċembru 1950 il-ħlas għal din il-priedka kien ta' nofs lira.
15 *Leħen is-Sewwa*, Diċembru 1954.
16 *APPMV Amministrazione Sliema* 1948-1957, p.213. Fl-1955 il-paneġierku tal-Kunċizzjoni sar minn Patri Alessju li rċieva 12-il xelin bħala ħlas. Fl-1956 reġa' sar Tridu qabel din il-festa bi ħlas ta' 1 10s (Ara pp.238, 261).


**Henry Bason**

*Insurance Sub-Agent*
Gasan Mamo Ins. Agency Ltd

120, Valley Road, Msida
Tel: 21 311318, 21 334064 • Mob: 9949 6632

HAIR & BEAUTY SALON
FIGARO
268 Manwel Dimech Street, Sliema
Telephone: 2134 1885

Opening Hours: Mon: 9.00am - 6.00pm
Tue: 9.00am - 6.00pm • Wed: 9.00am - 1.00pm – 3.30pm - 7.00pm
Thur: 9.00am - 6.00pm • Fri: 9.00am - 6.00pm
Sat: 9.00am - 5.00pm